MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Numru 244/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**
**v**

**ANTHONY MICALLEF**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **ANTHONY MICALLEF** ta' wiehed u sittin sena, bin Giuseppe u Giuseppa nee Micallef, imwieled San Pawl il-Bahar nhar s-sittax ta' Marzu 1947 u joqghod 'Jonrit', 118, Triq Parades, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 401147M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Marzu 2005, f'San Pawl il-Bahar, ghal habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Micallef peress li kkagunalu sfregju fil-wicc skond kif iccertifika Doctor Ian Micallef MD registration number 2322 tal-Mosta Health Centre u talli fl-

istess jum, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma rregolari u cioe foxxna.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-okkorrenza relattiva esibita bhala Dok. CSH 1 a fol 3 tal-atti,c-certifikat mediku rilaxxjat fil-konfront ta' Freddie Micallef esibit bhala Dok. CSH 2 a fol 5 tal-atti, l-patients certification form rigward Alfred Micallef esibit bhala Dok. CSH 3 a fol 6 tal-atti, patients certification form rigward Anthony Micallef esibit bhala Dok. CSH 4 a fol 7 tal-atti, c-certifikat mediku rigward l-imputat Anthony Micallef esibit bhala Dok. CSH 5 a fol 8 tal-atti kif wkoll l-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta w ghoxrin ta' Marzu 2006 esibit a fol 13 tal-atti mmarkat bhala Dok. CSH 6 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta u dan meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar d-dsatax t'April 2006 kif jirrizulta a fol 12 tal-atti.

Rat wkoll s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern nhar t-tletin ta' Lulju 2004 esibita bhala Dok. Z a fol 37 u l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar t-tlieta ta' Dicembru 2005 esibita bhala Dok. CSH 7 a fol 49 tal-atti.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta ta' nhar l-erbgha ta' Dicembru 2008.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar d-dsatax t'April 2006, **xehed Alfred Micallef** (fol 14) fejn qal li nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2005 hu kien fl-ghalqa tieghu San Pawl il-Bahar jonqox il-basal u kien ghaddej siehbu Anthony Muscat mit-triq u telgha hdejh, minflok ma telgha mit-triq, telgha mill-hajt u mar hdejh u qaghdu jpaccpu waqt li kien qed jahdem.

Qal li meta gew biex imorru ‘l isfel, hu qal lil Muscat biex jinzel mieghu mit-triq u meta ghaddew mit-triq raw lil ħuħ l-imputat Anthony Micallef wara x-xatba, ezatt minn fejn johrog hu, kien qed jaqta l-pil ta’ naghga wara l-bieb u f’idejh kellu froxxna.

Qal li hu qallu li xtaq jghaddi minn hemm, kif kellu kull dritt li jaghmel u ħuħ qallu li minn hemm ma jinzilx, specjalment lil Anthony Muscat, ghaliex ma riedux jinzel b’xejn. Qal li hu qallu biex jinzel mieghu ghaliex kien fil-kumpanija tieghu u kellu dritt li jinzel mieghu. Kompla jghid li dak il-hin l-imputat beda jxejjer froxxna lejn Anthony Muscat, ghamilielu tlett darbiet, gabielu qrib ma wiccu u qal lil Muscat biex jersaq lura ghaliex fl-ahhar l-imputat kien ser jolqtu vera u meta dawwar wiccu laqat lilu f’wiccu bejn ghajnejh, fuq imniehru. Imbaghad mar l-isptar u gab certifikat mediku. Qal li meta ra d-demm niezel qisu ddarras xi ftit, u qabad lil ħuħ biex jehodlu l-froxxna minn idejh u ħuħ gidmu f’wiccu. Qal li sadanitant, lahaq gie t-tifel tieghu David Micallef u nehhielu l-froxxna minn idejn l-imputat. Zied jghid li meta gew biex jinzlu, xorta ma riedhomx jinzlu u kien hemm ħutu l-bniet fuq il-bejt faccata tal-ghalqa u semghu l-ghajjat w ghalhekk hargu u talabhom biex icemplu l-pulizija u dawn marru fuq il-post w huma nizlu mal-pulizija.

Qal li l-imputat kellu garanzija wkoll li ma jkellimhomx u dan nonostante, kisirha. Spjega li fuq din l-istess trejqa kien hemm kawza l-Qorti fejn l-imputat kien impedih milli jghaddi minn din l-istess trejqa izda dan nonostante hu (ix-xhud) kien rebaħha f’zewg istanzi.

Qal li hu kien fl-ghalqa tieghu meta sehh l-incident. Qal li bejn il-*farm* ta’ l-imputat u l-ghalqa tieghu hemm trejqa. Nghid li ma kienx hemm bzonn hu joqghod fuq l-ghatba tieghu jaqta s-suf tan-naghag u ghalhekk dak l-hin hu fehem li l-imputat kien qed ifittex l-okkazzjoni ghall-glied. Ikkonferma li l-froxxna hija ta’ l-imputat. Meta gie muri l-froxxna esebita l-Qorti, ix-xhud qal li dik kienet l-istess froxxna li ntuzat f’din il-glieda. Qal li hu fl-ebda hin ma laqat lill-imputat b’xi zappun. Qal li z-zappun kien fl-ghalqa u meta kien niezel mas-surgent, u hu qal lis-

surgent 'ha mmur ingib z-zappun' u mar gabu u tahulu. Qal li dan sehh bejn is-s-sitta w nofs w is-sebgha ta' filghaxija. Qal li meta hu kien fl-ghalqa tieghu, ghall-ewwel kien wahdu, imbaghad mar Anthony Muscat hdejh. Mistoqsi jekk ħuħ kellux xi affarijiet ohra f'idejh meta kien qed jonxor in-naghag ix-xhud wiegeb li kellu l-froxxna u l-imqass. Mistoqsi jekk il-froxxna kienitx f'idejh meta kien qed jaqta s-suf tan-naghag ix-xhud wiegeb li jekk ma kienitx f'idejh, kienet wieqfa mal-hajt. Qal li meta gie mal-bieb tieghu, ra li kienet f'idejh. Qal li hu, fl-ebda hin ma sakkru, anzi kien hu li beda joffendi. Qal li David tela' ftit wara li qala xi daqqiet bil-froxxna w it-tifel l-iehor tela' iktar tard u beda jghinu jiehu l-froxxna minn id l-imputat, fil-fatt meta tela' Chris, lanqas raha l-froxxna f'idejn l-imputat. Qal li l-imputat kellu wkoll gebla f'idejh u Chris hadlu l-gebla minn idejh. Mistoqsi kif David ipprova jiehu l-froxxna minn idejn l-imputat, ix-xhud wiegeb li ma kienx jafx.

Illi nhar d-dsatax t'April 2006, **xehdet l-Ispettur Therese Sciberras** (fol 17) fejn qalet li fit-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2005 l-ghassa l-Qawra rcevew rapport minghand certu Alfred Micallef fejn qal li kien involut f'xi argument ma ħuħ. Qalet li wara rrisulta li ħuħ kien certu Anthony Micallef li joqghod San Pawl il-Bahar u dan kien qieghed fil-*farm* tieghu li hija sitwata fi Triq San Pawl il-Bahar. Qalet li Alfred ghandu xi art li tigi ma gemb l-*farm* ta' Anthony Micallef l-imputat odjern. Spjegat li l-imputat qal li kien qed jaghmel xi xoghol fuq il-*farm* tieghu meta ra lil ħuħ Alfred akkumpanjat mit-tfal tieghu u habib tieghu gejjin barra mill-propjeta taghhom. Spjegat li biex Alfred Micallef jidhol gol-propjeta u Anthony Micallef l-imputat jidhol gol-proprjeta, hemm triq, speci ta' passagg li jintuza mit-tnejn. Qalet li mill-istharrig li ghamlet mid-dehra kien hemm xi kwistjoni qabel fuq min ghandu dritt jghaddi minn fuq din l-art u rrisulta wkoll li dan il-habib certu Anthony Muscat, kellu xi jghid ma Anthony Micallef l-imputat fil-passat. Qalet li l-imputat Anthony Micallef qal li meta ra lil Anthony Muscat huwa qallu li hu ma setghax jghaddi minn go dak il-passagg ghax dan kien parti minnu tieghu u hu ma riedux jghaddi minn hemmhekk. Ħu l-imputat Anthony Micallef, li huwa Alfred Micallef, qal li Anthony Muscat kien

il-*guest* tieghu w allura kellu l-permess tieghu biex jghaddi. Alfred Micallef kien akkumpanjat mit-tfal tieghu li huma Christopher Micallef u David Micallef.

Sussegwentement inqala argument fejn Alfred Micallef qal li huwa kien qieghed jahdem hemmhekk meta l-ohrajn attakkawh u Anthony Micallef qal vice versa, li hu gie attakkat. Alfred Micallef gie certifikat minn Doctor Ian Micallef, registration number 2322 li kellu xi griehi gravi go wiccu. Qal li Alfred Micallef kien qal li l-imputat kien attakkah bi froxxna u l-istess imputat wkoll garrab xi griehi ohrajn. Qalet li l-imputat Anthony Micallef stqarr li ħuħ, it-tfal tieghu u Anthony Muscat kienu attakkawh u huwa kien prova jiddefendi ruhu b'dan il-*harpoon*. Huwa qal li ħuħ kien attakkah b'zappun. Ix-xhud qalet li kienet hadet stqarrija tal-imputat Anthony Micallef fejn huwa qal dak kollu li qalet hi w inhargu xi *charges* fis-seduta tad-distrett kontra Alfred Micallef, David Micallef, Christopher Micallef u Anthony Muscat talli dawn kienu weġġħu lil Anthony Micallef. Ix-xhud gharfet lill-imputat Anthony Micallef prezenti fl-awla w ippresentat materjalment il-froxxna li rrisulta li din hija tas-sajd u iz-zappun in kwistjoni li ntuzaw waqt dan l-argument, liema oggetti gew immarkati bhala Dok PS1 u PS2 rispettivament.

Mistoqsija x'hin dahal ir-rapport ix-xhud wiegbet li dan dahal ghall-habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija. Mistoqsija fejn sehh ezattament l-incident, ix-xhud wiegbet li l-incident sehh fit-triq jew passagg in komuni bejn l-ahwa Micallef, ghalkemm ma kienetx f'posizzjoni tghid vicin liema ghalqa ta' min kienet pero. Mistoqsija jekk l-imputat Anthony Micallef qallhix x'kien qed jaghmel bi froxxna tal-bahar, ix-xhud wiegbet li jirrisulta mill-istqarrija li rrilaxxja li din kienet ilha fil-post u kif ra lil ħuħ gej ghalih biz-zappun, kienet vicin tieghu u hadha biex jiddefendi ruhu. Qalet li l-imputat indikalha perjodu ta' sentejn. Qalet li l-imputat ma kienx jaghmel uzu minnha, ghalkemm hija fil-propjeta tieghu. Mistoqsija jekk Alfred Micallef qallhix jekk ħuħ l-imputat kienx hebb ghalih ix-xhud wiegbet fl-affermattiv. Qalet li minn stharrig li ghamlet rrizulta li t-tnejn hebbew ghal xulxin u li l-incident inqala minhabba Anthony Muscat

u cioe ghaliex Anthony Micallef ma riedx lil Anthony Muscat jghaddi minn fuq ir-raba tieghu.

Illi nhar d-dsatax t'April 2006, **xehed David Micallef** (fol 20) fejn qal li nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2005 missieru kien qieghed fl-ghalqa taghhom f'San Pawl il-Bahar u hu kien sejjer il-garaxx taghhom, meta fid-daqqa u l-hin semgha lil missieru u z-zijuh jghajjtu fl-ghalqa u mar jittawwal x'kien qed jigri. Qal li missieru kellu d-demm f'wiccu u hu beda jifred lil missieru minn ma zijuh l-imputat, ghax kienu fl-idejn. Qal li zijuh dak il-hin f'idejh kellu froxxna u beda jxejjer biha u hu mar jifridhom billi zamm lil zijuh. Qal li fil-fatt hadlu l-froxxna minn idejh u kellu wkoll imqass f'idejh dak il-hin. *Mistoqsi jekk missieru kellux xi haga f'idejh dak il-hin ix-xhud wiegeb li ma kellux*. Mistoqsi x'kien qed jaghmel Anthony Muscat dak il-hin, x-xhud wiegeb li kien hdejn missieru fl-ghalqa. Qal li hu ma rahx ihebb ghal hadd. Qal li f'dan l-incident hu qala daqqa ta' gebla fuq rasu minghand l-imputat. Qal li l-incident in kwistjoni sehh fl-ghalqa taghhom.

Illi nhar d-dsatax t'April 2006, **xehed Chris Micallef** (fol 22) fejn qal li hu jigi t-tifel ta' l-imputat Anthony Micallef. Ftakar li dakinhar ta' l-incident hu kien fil-garaxx hdejn iz-ziemel u ra lil missieru fl-ghalqa bid-demm f'wiccu. Qal li ra lil Anthony Micallef jipprova jaghti daqqa b'gebla lil ħuħ David fuq rasu w ghalhekk nehha l-gebla minn idejn l-imputat biex ma jaghtix lil ħuħ. Qal li lil missieru rah bid-demm f'wiccu u l-froxxna dak il-hin raha ma l-art. Qal li l-incident kien diga sehh ghaliex missieru kien diga wiccu bid-demm. Mistoqsi jekk meta mar fuq il-post, kienux fl-ghalqa jew fit-trejqa ix-xhud wiegeb li dak il-hin l-imputat, missieru u Anthony Muscat kienu lkoll fl-ghalqa.

Illi nhar d-dsatax t'April 2006, **xehed Anthony Muscat** (fol 24) fejn qal li xi zmien ilu ried ikellem lil Alfred Micallef u mar fl-ghalqa tieghu u tela' minn fuq cint. Qal li wara li kellem lil Alfred Micallef, xtaq jitlaq lil hemm u Alfred qallu biex jistennieh biex jinzlu flimkien. Mistoqsi x'kien qed jaghmel Alfred fl-ghalqa ix-xhud wiegeb li dak il-hin kien qed jonqox il-basal u kellu l-imghazqa f'idejh u qallu 'imxi ha mmorru'. Qal li meta waslu xi hames piedi boghod

mix-xatba, Anthony Micallef, l-imputat odjern mar ghalihom bil-froxxna. Zied jghid li hu kien ghadu fl-ghalqa ta' Alfred Micallef meta l-imputat mar ghalih tlett darbiet bil-froxxna u zammha tlett pulzieri biss boghod minn wiccu. Qal li sussegwentement l-imputat beda jkellmu wkoll hazin, l-ewwel ghajjru 'pufta' u qallu li qed jitqarben ta' xejn u jmur quddies ta' xejn w anke offendielu wkoll lill-mara. Qal li qallu li Fredu huwa marid u li jkun ahjar jekk immur id-dar hdejn dik il-qaħba ta' martu. Qal li lil Fredu qallu l-istess kliem w imbaghad Fredu u l-imputat qabdu f'xulxin ghalkemm Fredu f'idejh ma kellu xejn. Qal li meta l-imputat mar bil-froxxna f'wiccu, Alfred Micallef qabad argument ma l-imputat ghax l-imputat ma riedux jinzel mit-trejqa bl-ebda mod. Qal li hu ma rax lill-imputat jolqot lil Alfred Micallef bil-froxxna. Qal li dmija f'wicc Alfred Micallef ra kif ukoll il-marka tal-froxxna. Meta gie muri froxxna esebita l-Qorti ix-xhud ikkonferma li dik hija l-froxxna li kienet fuq il-post ta' l-incident. Qal li dak il-hin l-imputat kellu imqass f'idejh u li z-zappun esebit il-Qorti kien f'idejn Alfred pero meta nqala l-incident Alfred tefghu il-boghod. Ma kienx f'idejh u ma kellu x'jaqsam xejn ma l-incident li gara bejn is-sitta w nofs w is-sebgha ta' filghaxija.

Illi nhar s-sbatax ta' Mejju 2006, **xehed Doctor Ian Micallef** (fol 27) fejn qal li fit-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2005 fid-disgha w hamsa ta' filghaxija kien ezamina lil Freddie Micallef detentur tal-karta tal-identita numru 528750M li joqghod 118 Parades Street San Pawl il-Bahar, fic-Centru tas-Sahhar tal-Mosta wara li kien gie allegat li kien involut fi glieda u kien gie migdum fuq wiccu kif ukoll milqut minn froxxna bi tlett ponot. Il-pazjent kien qallu li ma kienx habat rasu u li ma kienx mitluf minn sensieh. Ix-xhud spjega li kellu lezjoni fuq wiccu li tikkorrispondi ma girfa madwar 4.5cm *in diameter*. Meta gie muri c-certifikat esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dok CSH 2, ikkonferma li dan ic-certifikat gie rilaxxjat minnu w gharaf il-firma tieghu fuq dan id-dokument filwaqt li qal li ma kellu xejn xi jbiddel jew izid ma dan l-istess dokument.

Illi nhar l-hamsa t'Awwissu 2008 **rega' xehed Doctor Ian Micallef** (fol 78) fejn qal li fid-disgha w ghoxrin ta' Mejju

2005 fid-disgha w hamsa ta' filghaxija fil-Mosta Health Centre kien ezamina persuna li qaltlu li jisimha Freddie Micallef li joqghod 118A Parades Street San Pawl il-Bahar li kien allega li huwa kien involut fi glieda u kien migdum fuq wiccu kif wkoll kien milqut bi froxxna bi tliet ponot. Il-pazjent kien qallu wkoll li habat rasu ma xi mkien u ra li ma ntilifx minn sensieh. Qal li hu ra u sab li kellu lezjoni fuq il-wicc li kienet tikkorrispondi ma gidma. Kienet madwar 4.5cm diametru u baghtu l-isptar. Meta gie muri c-certifikat esebit f'dawn l-atti mmarkat bhala Dok CSH 2 a fol 5 ix-xhud ikkonferma li dan kien gie rilaxxjat minnu. Qal li qal fic-certifikat msemmi li l-ferita kienet gravi peress li kien hemm possibilta li tibqa' sfregju fil-wicc. Qal li llum rega' ra lil dan Freddie Micallef u fil-fatt ma hemm l-ebda ferita go wiccu u ghalhekk il-griehi huma ta' natura hafifa.

Illi nhar s-sbatax ta' Mejju 2006, **xehed PS 935 Patrick Cassar** (fol 29) fejn qal li fit-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2005 kien ircieva telefonata l-ghassa li kien hemm xi argument bi glieda go razzett li jinfed ghal Triq San Gorg San Pawl il-Bahar w ghalhekk mar fuq il-post flimkien ma PS 698 Tabone u sab lill-imputat li gharaf presenti fl-awla bhala Anthony Micallef. Qal li hemm kien hemm xi nies ohra fosthom xi tfal taghhom. Qal li meta waslu fuq il-post l-argument li allegatament kien sehh, kien diga kkalma u talabhom biex imorru l-ghassa peress li kellhom xi feriti f'wicchom u biex imorru l-*polyclinic* biex jaghmlu certifikat relattiv. Qal li hu nforma lis-superjuri tieghu li komplew bl-investigazzjonijiet. Ix-xhud esebixxa kopja ta' l-okkorrenza relattiva ghal dan l-incident li giet immarkata mill-Qorti bhala Dok PS. Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk elevawx xi affarijiet minn fuq il-post, wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li fost l-affarijiet li elevaw kien hemm froxxna, imqass tan-naghag w oggetti ohra msemmija fl-istess okkorrenza tieghu.

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2008, **xehed l-imputat** minn jeddu b'mod voluntarju (fol 67) fejn qal li dakinhar ta' l-incident u cioe t-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2005 hu kien qed jaghmel xi xoghol r-razzett u malli spicca mix-xoghol fir-razzett, li dak iz-zmien kellu farm tal-baqar, kemm it-tifel kif wkoll il-lavrant li kellu dakinhar kienu laħqu telqu.

Qal li ghalhekk kien wahdu. Spjega li fl-ghalqa tieghu hemm zewg xatbiet, wahda mat-triq ta' St George's u l-ohra qeghda magenb kamra fejn kien qed igiss in-naghag. Qal li hu ghandu dritt jghaddi minn fejn il-*gate* tat-triq ghal fejn il-*farm* tieghu. Spjega li waqt li kien qed igiss in-naghag ra lil ħuħ jaghmel xi mossi u jipprepara xi xoghol. Qal li faccata tal-*farm* tieghu hemm il-garaxx ta' ħuħ Alfred li jinfed ghal mad-dar ta' ħutu l-bniet, li huma Doris Micallef u Karmelina Micallef, daqqa tidhol wahda u daqqa ohra.

Sadanitant, kompla jghid x-xhud, ħuħ Alfred tela' fl-ghalqa tieghu u taparsi qed jaqla' l-haxix minn ma' l-art u wara xi ghaxar minuti jew kwarta gew uliedu Chris u David Micallef. Sussegwentement, kompla jghid, telghet ukoll persuna barranija li fis-sena 2002 kienu ftehmu mieghu sabiex jinzel fil-*basement* tieghu, jaghtuh xebgha. Qal li dan kien Anthony Muscat, illi meta kien tela' l-Qorti qal li kien verament xtaq jaghtih xebgha fil-*basement* u meta kien tela l-Qorti u gie mistoqsi jekk ridtx jahfirlu, fil-fatt hafirlu u dakinhar nghatat garanzija li ma kellux jitla' fi hwejgu u ma jharisx lejh. Qal li cio nonostante, wara tmien xhur kiser il-ligi, w ghalhekk hu kien cempel lill-avukat tieghu Dr. Valletta u qallu li Anthony Muscat kien tela' minn gol-farm tieghu meta mhux suppost. Qal li l-avukat tieghu kien baghtlu ittra registrata biex jammonih u minn dakinhar lil hemm pero din il-persuna ma reġax tela.

Dwar l-incident in dezamina x-xhud qal li dakinhar ta' l-incident, f'xi hin iltaqghu lkoll fl-ghalqa, ħuħ Alfred, iz-zewg itfal tieghu kif wkoll dan Anthony Muscat hu rahom javvicinaw il-*gate* tieghu u dar fuq Anthony Muscat u qallu li ma kellux dritt jinzel minn gol-*farm*. <u>Qal li dakinhar vera kellu froxxna f'idejh biex ibezzaghhom</u> pero ma setghax juza rezistenza fuq erbgha minn nies. Qal li nfatti ħuħ dak il-hin stess poggielu l-imghazqa taħt geddumu u mar ibnu David u tah daqqa f'ghonqu, qabdu mill-qmis u kaxkru ghal go l-ghalqa tieghu u hu ppruva jaghmel resistenza u dan baqa' jaghtih u fid-daqqa u l-hin ħuħ qalilhom lil huti l-bniet biex icemplu l-pulizija. Qal li ħuħ gidimlu subghajh z-zghir u x'hin ra id-demm, kellu geddumu magenb halqu

u gidmu fuq geddumu. Qal li dak il-hin gietu sahha barranija.

Kompla jghid li huma poggewh mal-art u bdew jaghtuh, w imbaghad telquh mghawweg ganċ ġo l-ghalqa. Qal li meta hareg kien gie s-surgent u pulizija mieghu u dak il-hin tela' lis-surgent u lill-pulizija mieghu fuq il-post u s-surgent qallu li ma riedx ikun jaf u kien irrabjat hafna. Qal li ried jitlob lit-tifla tmur u tiehdu l-ghassa. Ix-xhud qal li l-istess diskors li qal il-Qorti, kien qalu wkoll l-ghassa. Qal li wara gie mehud l-*polyclinic* fejn gie nvistat minn tabib u kemmex xuftejh u lit-tifla qalilha li kienu ser jibghatuh l-isptar u mar l-isptar b'ambulanza. Sussegwentement kompla jghid x-xhud, hu gie rilaxxjat b'certifikat fis-saghtejn ta' filghodu. Qal li kien qal lir-ragel tat-tifla biex jaghmel *photocopy* ta' dawn ic-certifikati u jehodhom l-ghassa u hekk ghamlu. Pero lil ħuħ u lit-tfal ta' ħuħ ma ressuqhomx il-Qorti. Qal li dam sena jithabat biex iressquhom. Ix-xhud esebixxa protest gudizzjarju li hareg minn Dottor Valletta ndirizzat lil Anthony Muscat li gie mmarkat bhala Dok Z kif wkoll zewg kopji ta' certifikati medici li gew immarkati mill-Qorti bhala Dok X u Y.

Qal li huma ilhom bil-kwistjonijiet dwar l-ghalqa u t-trejqa ghal dawn l-ahhar sebgha snin u telghu u nizlu l-Qorti diversi drabi. Fftakar li l-pulizija kienet baghtet ghalih u li hu kien qal lil Qorti hu l-istess li kien qal fl-istqarrija. Mistoqsi ghaliex kien zamm froxxna fl-ghalqa ix-xhud wiegeb li kien sabha u kont poggejtha mal-hajt u li kemm fil-fatt kienet ilha hemm hekk, ma kienx jaf. Pero l-froxxna ma zammhiex hemm hekk biex ibezza' lin-nies. Cahad li ta daqqa lil ħuħ bil-froxxna. Qal li ħuħ hadlu l-foxxna minn idejh minnufih. Ikkonferma li dakinhar kien ħuħ li mar fuqu mit-trejqa tar-razzett tieghu. Qal li mhux kontestat illi ħuħ jista' jghaddi mit-trejqa. Qal li hu ma laqax iktar lil ħuħ sabiex jghaddi aktar minn dik it-trejqa, wara li nghatat sentenza mill-Qorti. Ikkonferma li dakinhar kellu daghdieha fuqu wara li kienu gew erbgha min-nies fuqu. Qal li l-problema li gratlu f'widnejh ilha minn wara l-accident u li ilu bil-*hearing aid* ghal dawk l-ahhar ghaxar snin pero l-kawza aggravat ruhha minn dan l-incident.

Ikkunsidrat:-
Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li din il-kawza tiddependi biss fuq kredibilita tax-xhieda u cioe fuq dak li ddeponew ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda u dan ghaliex din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti kif sehh l-incident in desamina. Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra sabiex taghmel ezami sewwa u bir-reqqa tal-provi mressqa quddiemha u dan ghaliex ghexet il-process kollha u hadet iz-zmien taghha biex tigbor u tisma viva voce il-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla il-kredibilita u veracita tax-xhieda prodotti quddiemha.

Il-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat hebb ghal ħuħ Alfred Micallef filwaqt li dan kien fil-kumpanija ta' Anthony Muscat u kellu jghinuh lil uliedu Chris u David Micallef li ntervjenew u waqqfu l-aggresjoni filwaqt li l-imputat jghid li huwa kien bi kwietu ġo ħwejjgu u fil-pront gie attakkat minn ħuħ Alfred, Anthony Muscat u n-neputijiet David u Chris Micallef. Jghid pero li dakinhar huwa kellu daghdigha u li verament gidem lil ħuħ biex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni taghhom. Jghid li verament kellu l-froxxna tal-bahar tistrieh mal-hajt pero m'uzahiex, anzi jghid li kien Alfred Micallef li uza zappun.

Il-Qorti ghalhekk ghamlet apprezzament tax-xhieda u tal-provi prodotti, ezaminat c-certifikati medici u d-dokumenti l-ohra esibiti fosthom l-okkorrenza relattiva.

Jirrizulta li x-xhieda tal-prosekuzzjoni kienet konsistenti sa mill-bidu nett u li tikkorrobora t-tezi tal-vittma Alfred Micallef. Jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li verament l-imputat kien fi ħwejjġu jġiss in-nagħaġ pero meta ra lil ħuħ Alfred Micallef ghaddej mit-trejqa li juzaw bejniethom, fil-kumpanija ta' Anthony Muscat, dan irvella u mar f'tarf l-ghalqa tieghu kumbinazzjoni fejn kien hemm l-froxxna tistrieh mal-ħajt.

Jghid u jammetti li huwa kellu ncident fil-passat ma Anthony Muscat liema ncident sehh xi zmien qabel u li kien baqa bit-tikketta mieghu. Jammetti wkoll li kien biss wara li nghataw zewg sentenzi mill-Qorti li waqaf milli

jiddesisti lil ħuħ jmilli ghaddi mill-passagg. Jirrizulta li kemm l-imputat, kif wkoll il-vittma ghandhom dritt jghaddu minn dak l-passagg u dan ifisser li fil-kumpanija tal-vittma, kulhadd jista jidhol mieghu jekk ghandu pjacir bihom.

L-imputat m'għogbux li rega' ghadda Alfred Muscat w ghalhekk ħebb għal ħuħ, tah daqqa bil-froxxna u saħansitra anke gidmu f'wiccu, kif jirrizulta mic-certifikat rilaxxjat minn Doctor Ian Micallef.

L-imputat Anthony Micallef ukoll spicca b'xi feriti fuq il-persuna tieghu kif deskritti minn Doctor Saliba (Dok. CSH 4 a fol 7) pero fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn kienu biss griehi ta' natura zghira li seħħew b'rizultat tal-glieda li kien hemm.

Il-Qorti hija konvinta li kien l-imputat li beda l-glieda w ghalhekk ghandu jirrispondi ghal għemilu. Kemm David Micallef kif wkoll Alfred Micallef u Anthony Muscat jikkorroboraw l-fatti kif spjegati minn Alfred Micallef u l-Qorti hija propensa temmen din il-versjoni tal-fatti.

Il-Qorti tqis li dan l-incident bejn l-aħwa huwa serju ħafna u l-Qorti ghandha tindirizza din il-kwistjoni fil-piena li ser taghti.

Il-Qorti rat pero li l-prosekuzzjoni naqset li tesibixxi l-fedina penali tal-imputat w ghalhekk dan ghandu jigi kunsidrat bhala *a first time offender*.

Rat wkoll li s-sentenza esibita fl-att a fol 37 bhala Dok. Z, ma gietx konfermat fil-konfront tal-imputat odjern w ghalhekk ma tistax tigi meħuda 'n konsiderazzjoni ai fini ta' recidiva.

Illi mill-provi prodotti verament jirrizultaw l-feriti li ssubixxa Alfred Micallef izda kienu ta' natura hafifa, kif del resto kkonferma t-tabib fl-atti.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 218 u 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat ANTHONY**

**MICALLEF hati li kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Alfred Micallef u ghalhekk tiddecidi li tikkundannah ghal ħlas ta' multa ta' tlett mija u hamsin (350) euro filwaqt li tiddikjara li ma ssibux hati li kkagunalu feriti ta' natura gravi u tilliberah minn din l-akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------